ŻEBBUĠ

# KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2012

## WERREJ


| | |
|---|---|
| REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET | 1-3 |
| IL-KUNSILL | 4-5 |
| VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ | 6-8 |
| DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA | 9 |
| IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI | 10 |


Ippreparat minn Diane Tagliaferro

## *1.0 Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn matul l-aħħar sena ta' ħidma tiegħu. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2012.

### OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI

Matul is-sena 2012, saru dawn is-sejħiet għall-offerti:-

- Kisi bil-konkos ta' parti minn Triq il-Wied ta' Marsalforn.
- Provvista u ġarr ta' *ground recessed luminaries.*
- Bini mill-ġdid u bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq iż-Żebbuġ.
- Kostruzzjoni ta' bankini.
- Manifattura u installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku u ta' informazzjoni.
- Tindif ta' toroq mhux urbani.
- Kostruzzjoni ta' bankina fi Triq il-Knisja k/m Triq Ġoma.
- Servizzi ta' *handyman* għal xogħlijiet.

### IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f' Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ hu responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorja u dawn huma fost l-oħrajn:-

- Il-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb - iffirmajna ftehim mal-Kumpanija Green MT għall-ġbir tal-iskart separat mill-lokalita' għas-snin 2013-2014.
- Servizz ta' *bulky refuse collection.*
- Servizz ta' *skips on wheels* (ta' min jgħid li għandna 13 il-*skip on wheels* imxerrda mal-lokalita` kollha).
- Seba' *bring-in sites* għas-separazzjoni tal-iskart, tlieta fiż-Żebbuġ u erbgħa f' Marsalforn.
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku.
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq imwaħħla mal-bini.

### ĦIDMA SOĊJALI

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ipparteċipajna fil-festi Pawlini li saru fil-komunita' ta' Marsalforn.
- Attivita' tal-Karnival fiż-Żebbuġ.
- Xtrajna aktar kotba għall-librerija, għażla ta' kotba għat-tfal u anke għall-adulti.
- Fakkarna Jum il-Lokalita', it-28 ta' April. Sar it-tberik tal-*pets*, tellajna wirja ta' talenti Żebbuġin fil-bini tal-Kunsill, bil-koperazzjoni tal-Kumitat Żebbuġ Rovers għamilna attivita' sportiva għat-tfal kollha tal-lokal fejn il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna, quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ u l-qofol iċ-ċerimonja ta' tifkira bis-sehem tal-Banda Sta Marija u l-korijiet tal-parroċċa. Din is-sena, il-premju Ġieħ iż-Żebbuġ ingħata lill-eks Sindku Harry Debono.
- Ilwien ir-Rebbiegħa – għall-ewwel darba, saret ikla fil-Pjazza bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet tal-lokal u s-Sibt lejla mimlija divertiment għall-familja kollha.
- L-attivita Ġmiel ir-Rebbiegħa f' Marsalforn.
- Ħarġiet għal Malta għan-nies tal-lokalita'.
- Diversi attivitajiet b' rabta mal-festa ta' Sta Marija taż-Żebbuġ.
- Qed nipparteċipaw fil-proġett Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ 2012-2013 permezz ta' grupp żgħażagħ mill-lokalita' tagħna.
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza.
- Kompetizzjoni għall-isbaħ presepji.
- Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, organizzajna ħarġa f' Għawdex għal kulħadd.
- L-attivita' End of Summer Fest.

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Bdilna kull fejn kien hemm bżonn is-servizzi tat-triq u ksejna bit-tarmak Triq iċ-Ċnus.
- Ksejna bil-konkos parti sostanzjali mit-Triq Daħlet ta' Merżuq.
- Irranġajna, kien hemm fejn bnejna l-ħitan tal-kantun mill-ġdid u ksejna bis-sejjieħ il-ħitan ta' Triq iż-Żebbuġ. Dan il-proġett kien ko-finanzjat mill-iskema Eko Għawdex tal-Ministeru għal Għawdex.
- Komplejna nipprovdu lill-Ministeru għal Għawdex bis-servizzi tal-Perit tal-Kunsill għall-proġett Ġnien it-Tlett Għoljiet. Dan il-Ġnien kien inawgurat mill-Prim Ministru f' Awwissu li għadda.
- Għamilna xogħol ta' kisi bil-konkos fit-Triq ta' Wied l-Infern. Ħafna mill-konkos li ntuża għal Triq ta' Wied l-Infern kien provdut mill-Ministeru għal Għawdex.
- Għamilna diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Bajja tax-Xwejni.
- Tajna tindifa l-*area* ta' faċċata tal-*playing field* taż-Żebbuġ.

## *Reviżjoni tax-Xogħlijiet (ikomplu)*

- Fuq talbiet ta' diversi residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda.
- Bdilna diversi imirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda.
- Waħħalna sinjali ġodda tat-traffiku u ta' informazzjoni.
- Kull fejn kien hemm bżonn naddafna u rranġajna l-gradi tal-ilma.
- Ksejna bil-konkos parti mill-passaġġ tat-Triq Ta' Milied.
- Ħammilna l-Wied ta' Zokku u l-Ħofra tat-Torok fil-limiti tal-Qbajjar.
- Ksejna bil-konkos parti minn Triq il-Wied ta' Marsalforn. Din kienet skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajjiet mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section.
- Ipprovdejna l-materjal biex saru *railings*, bankijiet u turġien ġodda għal Marsalforn.
- Wara rapport li rċevejna mill-Malta Competition & Consumer Affairs Authority, ħadna ħsieb qlajna l-*playing equipment* kollu ta' ġol-*promenade* tal-Qbajjar peress li dan l-*equipment* ġie kundannat. Infurmati mill-Ministeru għal Għawdex li minflok qed ikun ippjanat li jsir *water park*.
- Għamilna diversi xogħlijiet ta' konkos maġenb il-*breakwater* ta' Santa Marija.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu impenjati jaħdmu fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f' Marsalforn.

**Nicky Saliba**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

**Minn Jannar sa Marzu 2012**
**Numru ta' Laqgħat - 5**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Is-Sur Carmelo Saliba | 5 | | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Joe Bajada | 3 | 2 | |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Joseph Camilleri | 5 | | |
| Is-Sur Harry Debono | 1 | 4 | |
| Is-Sur Victor Refalo | 5 | | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| **Is-Sinjura Marija Saliba** | | **5** | |
| **Chairperson tal-KAM** | | | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 5 | | |

**Minn April sa Diċembru 2012**
**Numru ta' Laqgħat - 16**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 15 | 1 | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Mario Cassar | 15 | 1 | |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Joseph Camilleri | 15 | 1 | |
| Is-Sur Victor Refalo | 16 | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 15 | 1 | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 16 | | |

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

**Numru ta' Laqgħat - 13**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Chairperson** | | | |
| Is-Sinjura Maria Saliba | 13 | | |
| **Il-Viċi Chairperson** | | | |
| Is-Sur Emanuel Debono | 11 | 2 | |
| **Membri** | | | |
| Is-Sur Victor Refalo | 12 | 1 | |
| Is-Sur George Sacco | 11 | 2 | |
| Is-Sur Joseph Zammit | 11 | 2 | |
| ***Ex-Officio*** | | | |
| Is-Sur Carmelo Saliba (Minn Jannar sa Marzu 2012) | 3 | | |
| Is-Sur Nicky Saliba (Minn April sa Diċembru 2012) | 9 | 1 | |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 13 | | |

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| DESKRIZZJONI | a<br>2012<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2012<br>BUDGET<br>€ | c<br>2011<br>ATTWALI<br>€ | a-b/b-a<br>2012<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | a-c/c-a<br>2012<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 441,259.70 | 459,037.00 | 433,316.65 | (17,777.30) | 7,943.05 |
| Bye-laws | 7,197.94 | 175,860.00 | 7,170.76 | (168,662.06) | 27.18 |
| Investiment | 975.48 | 1,200.00 | 1,232.04 | (224.52) | (256.56) |
| TOTAL | 449,433.12 | 636,097.00 | 441,719.45 | (186,663.88) | 7,713.67 |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 68,502.18 | 68,502.00 | 74,040.22 | (0.18) | 5,538.04 |
| Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | 240,050.38 | 272,503.00 | 306,286.86 | 32,452.62 | 66,236.48 |
| Infieq Kapitali | 328,738.23 | 292,860.00 | 148,290.18 | (35,878.23) | (180,448.05) |
| TOTAL | 637,290.79 | 633,865.00 | 528,617.26 | (3,425.79) | (108,673.53) |
| Bilanċ | (187,857.67) | 2,232.00 | (86,897.81) | (190,089.67) | (100,959.86) |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2012<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2012<br>STIMA<br>€ | c<br>2011<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>2012<br>BUDGET<br>VAR<br>€ | a-c<br>2012<br>ATTWALI<br>VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 409,571.24 | 409,571.00 | 395,920.40 | 0.24 | 13,650.84 |
| Supplimentari | | | | | |
| Bżonnijiet Speċjali | 466.00 | 49,466.00 | 17,375.25 | (49,000.00) | (16,909.25) |
| Entitajiet Publiċi/Governattivi | 22,222.46 | | 9,721.00 | 22,222.46 | 12,501.46 |
| Oħrajn | 9,000.00 | | 10,300.00 | 9,000.00 | (1,300.00) |
| | **441,259.70** | **459,037.00** | **433,316.65** | **(17,777.30)** | **7,943.05** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 20.00 | | | 20.00 | 20.00 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 607.43 | | 79.17 | 607.43 | 528.26 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 1,307.77 | 170,860.00 | 937.02 | (169,552.23) | 370.75 |
| Ġenerali | 5,262.74 | 5,000.00 | 6,154.57 | 262.74 | (891.83) |
| | **7,197.94** | **175,860.00** | **7,170.76** | **(168,662.06)** | **27.18** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 975.48 | 1,200.00 | 1,232.04 | (224.52) | (256.56) |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **975.48** | **1,200.00** | **1,232.04** | **(224.52)** | **(256.56)** |
| TOTAL | **449,433.12** | **636,097.00** | **441,719.45** | **(186,663.88)** | **7,713.67** |

## 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2012 ATTWALI € | 2012 STIMA € | 2011 ATTWALI € | 2012 BUDGET VAR € | 2012 ATTWALI VAR € |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 6,473.40 | 6,351.00 | 6,363.96 | (122.40) | (109.44) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 46,182.95 | 46,003.00 | 51,047.08 | (179.95) | 4,864.13 |
| Bonus | 4,360.35 | 4,942.00 | 4,186.70 | 581.65 | (173.65) |
| Dħul Supplimentari | 605.65 | | 1,700.18 | (605.65) | 1,094.53 |
| Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali | 3,769.23 | 3,695.00 | 3,543.28 | (74.23) | (225.95) |
| 'Allowances' | 7,110.60 | 7,511.00 | 7,199.02 | 400.40 | 88.42 |
| 'Overtime' | | | | | |
| | **68,502.18** | **68,502.00** | **74,040.22** | **(0.18)** | **5,538.04** |
| Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 6,726.78 | 6,485.00 | 5,846.79 | (241.78) | (879.99) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 474.57 | 800.00 | 353.77 | 325.43 | (120.80) |
| Tiswijiet u manutensjoni | 15,786.75 | 41,000.00 | 81,940.72 | 25,213.25 | 66,153.97 |
| Kera | 4,986.78 | 4,983.00 | 5,316.04 | (3.78) | 329.26 |
| Shubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 649.50 | 800.00 | 139.33 | 150.50 | (510.17) |
| Spejjes ta' l-Ufficju | 3,934.41 | 7,000.00 | 6,302.01 | 3,065.59 | 2,367.60 |
| Trasport | 1,201.59 | 2,000.00 | 1,282.09 | 798.41 | 80.50 |
| Vjaġġar/safar | | 3,500.00 | 4,032.36 | 3,500.00 | 4,032.36 |
| Informazzjoni għall-Publiku | 1,839.40 | 5,000.00 | 5,645.82 | 3,160.60 | 3,806.42 |
| Servizzi b' Kuntratt | 146,030.26 | 139,535.00 | 111,275.67 | (6,495.26) | (34,754.59) |
| Servizzi Professjonali | 17,286.10 | 30,000.00 | 32,878.72 | 12,713.90 | 15,592.62 |
| Training | | 400.00 | 60.00 | 400.00 | 60.00 |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 37,688.70 | 30,000.00 | 48,617.21 | (7,688.70) | 10,928.51 |
| Spejjes Inċidentali | 3,445.54 | 1,000.00 | 2,596.33 | (2,445.54) | (849.21) |
| | **240,050.38** | **272,503.00** | **306,286.86** | **32,452.62** | **66,236.48** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' propjeta | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 9,975.57 | 12,000.00 | 58,726.98 | 2,024.43 | 48,751.41 |
| Makkinarju u Apparat | | | 632.00 | | 632.00 |
| Proġetti Speċjali | 318,762.66 | 280,860.00 | 88931.20 | (37,902.66) | (229,831.46) |
| | **328,738.23** | **292,860.00** | **148,290.18** | **(35,878.23)** | **(180,448.05)** |
| TOTAL | **637,290.79** | **633,865.00** | **528,617.26** | **(3,425.79)** | **(108,673.53)** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

**Kont APS Bank 'Savings' 12531113011**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 75,077.16 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 257.84 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **75,335** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2012** | 75,335 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2012 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2012 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **75,335** |

**Kont APS Bank Kurrenti 12531130017**

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 16,530.62 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2012 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | (16,530.62) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **0** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2012** | 0 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2012 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2012 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **0** |